Ref Nru 9

Il-minuti tad-disa’ laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 22 ta’ Jannar 2016, fis-6:00 ta’ filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta’ talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tas-seba` laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tas-seba` laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija.

2.2 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ippropona li ghandha jsir korrezzjoni fil-minuti. Huwa semma li din ghandha jsir f’*item* numru 4, f’paragrafu numru 4.1, fejn wara il-kelma “fil-futur” ghandha tizdied din is-sentenza: “Ghaldaqstant ghandu jinghata l-premju lil Victor u lis-Sacerdoti flimkien”

2.3 Il-Kunsill approva dan u wara l-minuti gew approvati.

**3 Laqgha ma’ Dr Chris Said MP.**

3.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden Dr Chris Said MP. Huwa semma li qed jiltaqa` mal-Kunsilli Lokali fejn qed jigu diskussi l-problemi u suggerimenti li jkollhom.

3.2 Is-Sindku semma li problemi li ghandu l-Kunsill hija n-nuqqas ta’ finanzi u li l-allokazzjoni ghandha tizdied. Huwa semma wkoll li l-applikazzjonijiet ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea jiehdu fit-tul. Saret diskussjoni dwar dawn iz-zewg punti. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma problemi marbuta mal-ambjent fosthom il-barrieri tal-blat tal-qawwi fejn it-trukkijiet qed ikissru t-toroq, ikun hawn il-hmieg ecc. Kif ukoll semma l-applikazzjoni ghall-zvilupp f’Hondoq ir-Rummien li ghadha pendenti. Huwa semma li tip ta’ soluzzjoni hi li ghandhom isiru xi laqghat mal-MEPA u l-kuntratturi fejn jigu diskussi l-problemi tar-residenti. Dr Chris Said issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jitkellem mal-MEPA sabiex isir bhal ma sar f’Birzebbuga Freeport fejn il-MEPA ifforma kumitat maghmul minn membri mill-istess MEPA, mill-Kunsill Lokali u mill-operaturi u qed jiltaqghu u jiddiskutu dwar il-problemi li

jkun hemm. Il-Kunsillier Jesmond Borg semma l-kaz fejn il-Kunsill japplika sabiex jaghmel certu progetti u x'hin dan issir, il-Kunsill m'jkollux fondi bizzejjed ghal manutenzjoni ta' wara. Dr Chris Said semma li l-progetti jitnizzlu fil-lista ta' kif tkun qed jigu mqassma l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsilli jinghataw fondi ghal dan il-ghan.

**4 Progett tal-Belvedere – EAFRD mizura 413.4.**

4.1 Is-Sindku semma li baqa xi pagamenti x'jithallsu mill-*Paying Agency* lill-kuntratturi li ghamlu x-xoghol fuq il-progett tal-Belvedere. Huwa semma li fl-offerti li kienu nhargu ghal dan il-progett ma kienx hemm *item* fil-*bill of quantities* ghal xiri ta' xtieli u ghalhekk kellhom jinxtraw minghand Xerri's Landscaping Co. Ltd. ghax huwa l-kuntrattur li kellu jaghmel is-sistema tal-*arrigation* u l-Perit William Lewis kien issuggerixxa li ahjar jaghmilhom hu halli l-progett ikun lest fi zmien stipulat. Is-Sindku semma li Xerri's Landscaping Co. Ltd. kien bghat stima ta' €4,000 izda hu ma accettax u qallu li sa €2,000.

**5 Progett *Heritage Trail* – EAFRD mizura 313 u 323.**

5.1 Is-Sindku semma li l-kontijiet dwar il-progett ta' *Heritage Trail* li sar mill-fondi tal-Unjoni Ewropea EAFRD mizuri 313 u 323 gew mdahhlin kollha lill-*Paying Agency* sal-31 ta' Dicembru 2015. Huwa semma li baqa` xi pagamenti x'jithallsu mill-*Paying Agency* lill-kuntrattur li ghamel xoghol fuq dan il-progett. Is-Sindku semma li kienet giet installatha tromba fi gnien ta' rikreazzjoni fi Triq Imgarr u li din insterqet. Huwa semma li ghamel rapport lill-pulizija. Giet trattata ittra mibghuta mill-Kunsill lill-*Paying Agency* fejn gew mitluba fondi addizzjonali ghal progett taht il-mizura 313.

**6 Karnival 2016**

6.1 Is-Sindku semma li l-attivita` tal-Karnival 2016 fil-lokalita` ser tigi organizzatha nhar il-Gimgha 5 ta' Frar 2016. Gie diskuss li ser ikun hemm xi erba` danzi, maskli grotteski, karru kbir, l-kompetizzjonijiet tas-soltu u l-kukkanja.

**7 *Water Culvert* fi Triq il-Kuncizzjoni.**

7.1 Is-Sindku semma li saret laqgha mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u gie deciz li l-*culvert* ghandu jinbeda minn fejn tas-sorijiet. Huwa semma li kien hemm problema dwar l-offerta ghal dan ix-xoghol ghalhekk giet mibghuta ittra lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan. Id-Direttur informah sabiex ahjar jigi kkuntatjat id-Direttur tal-Kuntratti dwar dan. Is-Sindku semma li huwa ghamel dan u rcieva ittra minghand Anthony Cachia Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Sindku qara din l-ittra.

**8 Korrispondenza**

8.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

8.2 Invit tal-ECAD dwar il-konferenza tas-Sindki li ser isir nhar id-9 u 1-10 a' Mejju 2016. Is-Sindku stieden sabiex imorru zewg membri mill-Kunsill.

8.3 Ittra mibghuta mill-Avukata Dr Angele Formosa f'isem il-klijent Publius Grima dwar oggezzjoni ghall-applikazzjoni ta' John Paul Grech li qed japplika ghall-approvazzjoni ta' permess temporanju sabiex jipparkja *hawker vehicle* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

8.4 Ittra mibghuta mill-Perita Cornelia Tabone f'isem il-klijent taghha Publius Grima dwar talba ghal *parking space* sabiex jipparkja il-*mobile kiosk* tieghu fil-Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill sab oggezzjoni qal dan.

8.5 Zewg ittri mibghuta mis-Segretarju Frank Mumford mill-Qala Saints Football Club. Ittra minnhom dwar talba ghal riklam mill-Kunsill ghal Kalendarju 2016. Ittra minnhom dwar Albert Mizzi Tournament 2016 li ser isir nhar il-Hadd 31 ta' Jannar 2016. Gie diskuss li ghandu jigi mitlub x'*nurseries* ser jiehdu sehem.

8.6 Ittra mibghuta minn Joe Grima mill FMVA dwar *Annual Vintage Motors Festival* li ser isir fil-Pjazza nhar it-13 ta' Marzu 2016. Il-Kunsill qabel ma din l-attivita`.

Giet diskussa xi materja ohra:

Is-Sindku semma li c-*chits* li jkun fihom l-ammont ta' konkos li jingab mhux qed ikunu iffirmati ghalhekk huwa ssuggerixxa li tinbeda sistema fejn kull tlett xhur ghandhom jiltaqghu l-Perit u l-kuntrattur sabiex il-Perit ikejjel l-ammont ta' yardi li jkun ingab. Huwa semma li b'hekk inkunu *safe* u jkun hemm kontroll.

Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Perit Angelo Portelli fejn gie nformat li l-Kunsill jsib oggezzjoni ghat-talba ghal permess temporanju sabiex jigi pparkjat *hawker's vehicle* fil-*parking area* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

Il-Kunsillier Paul Buttigieg ippropona li ghandhom jinbidlu t-tapiti ta' taht il-bandli li hemm fil-*Playing Field* 'Magistrat Salvu Attard' u fi Gnien il-Familja. Il-Kunsill qabel ma dan. Gie deciz li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti u li ghandha jsir applikazzjoni ghal *Urban Improvement Fund* tal-MEPA.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-8 ta' Dicembru 2015 sad-22 ta' Jannar 2016 minn referenza numru 232/15 sa referenza numru 239/15 u minn referenza numru 1/16 sa referenza numru 6/16 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 132/15 sa referenza numru 136/15 u minn referenza numru 1/16 sa referenza numru 15/16 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2016.

______________________ ______________________

Clint Camilleri
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva